MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2009

Appell Civili Numru. 40/2006/1

**Awtorita` Marittima ta’ Malta**

**vs**

**Anthony Busuttil**

**Il-Qorti,**

Fis-7 ta’ Ottubru, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-Awtorita’ attrici qed titlob is-somma ta’ elf u ghoxrin lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm1020.96) rapprezentanti *berthing fees* dovuti mill-konvenut lill-Awtorita’ attrici rigward il-boat Bad Boys, hekk kif jidher mill-istatement anness datat 2 ta’ Jannar, 2006. U peress illi fil-11 ta’ Lulju, 2005 intbaghtet

ittra legali u fis-27 ta' Settembru, 2005 intbaghtet ukoll ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, izda l-konvenut irrespinga t-talba permezz ta' nota ta' l-10 ta' Ottubru, 2005, il-konvenut ghadu sallum inadempjenti u l-ammonti dovuti minnu baqghu jizdiedu. Bl-ispejjes, inkluz dawk ta' l-ittra interpellatorja u ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Settembru 2005 u bl-imghax legali mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi qieghed jichad it-talbiet attrici ghar-ragunijiet segwenti: i. Illi l-Awtorita' hija obbligata li tipprovdi *berth* adegwata ghall-konvenut, izda kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza, l-Awtorita' minhabba nuqqasijiet taghha, kkagunat danni fil-vettura tal-bahar tal-konvenut u dwar dan hemm proceduri gudizzjarji pendenti quddiem il-Prim'Awla; ii. Illi l-konvenut minhabba in-negligenza u rresponsabbilta' da parti tal-Awtorita' ma jistax jaghmel uzu mill-*berth* allokata lilu mill-istess Awtorita' u ghal dawn l-ahhar snin il-konvenut ma setghax inizzel il-vettura tal-bahar tieghu fil-berth. Illi ghalhekk it-talba attrici ma hijiex gustifikata.

Sema' x-xhieda ta' Christopher Schembri prodott mill-attrici.

Sema' x-xhieda tal-konvenut Anthony Busuttil.

Sema' x-xhieda ta' Charles Axisa prodott mill-konvenut.

Sema' x-xhieda ta' Peter Saliba prodott mill-konvenut.

Sema' x-xhieda ta' Alfred Micallef prodott mill-konvenut.

Ra l-affidavit tax-xhud Clyde Farrugia Vella prodott mill-konvenut.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi fix-xhieda moghtija minnu, Christopher Schembri spjega illi l-ammont globali li l-Awtorita' Marittima qed titlob minghand il-konvenut huwa maqsum f'zewg partijiet u cioe, ammont li jirraprezenta kontijiet ghall-konsum tad-dawl u ilma da parti tal-konvenut ghall-uzu tal-yacht tieghu, u ammont iehor dovut ghal *berthing fees*. Skond dan ix-xhud, l-invoices mill-4 ta' Ottubru 2000 sas-26 ta' Awissu 2003, (u cioe l-ewwel tmien partiti li jidhru fuq id-Dokument A (fol. 2) li giet ipprezentata mill-Awtorita' attrici), huma kollha invoices ghall-konsum tad-dawl u ilma, u jammontaw ghal Lm53.88. Filwaqt illi l-invoices mill-1 ta' Lulju 2004 sas-27 ta' Dicembru 2005, indikati fuq l-istess dokument A, jirraprezentaw '*berthing fees'*, u dawn jammontaw b'kollox ghal Lm967.08.

Illi t-Tribunal jibda biex josserva li minn ezami tal-provi kollha prodotti u specjalment tax-xhieda moghtija, mkien ma jidher li hemm xi kontestazzjoni da parti tal-konvenut dwar l-invoices li ghandhom x'jaqsmu mal-konsum tad-dawl u ilma. Gjaldarba l-konvenut ma jsemmi xejn dwar dawn il-kontijiet fir-risposta tieghu, u lanqas ma gab xi prova li turi li dawn l-invoices m'ghandhomx jithallsu, t-Tribunal jidhirlu li l-invoices kollha mill-4 ta' Ottubru 2000 sas-26 ta' Awissu 2003 li jammontaw ghal Lm53.88, huma dovuti u ghandhom jithallsu mill-konvenut.

Illi kwantu ghall-erba invoices l-ohra li b'kollox jammontaw ghal Lm967.08, u li jirrigwardaw '*berthing fees',* liema invoices huma datati bejn l-1 ta' Lulju 2004 sas-27 ta' Dicembru 2005, it-Tribunal wara li ha konjizzjoni tal-provi, ghandu s-segwenti osservazzjonijiet x'jaghmel.

Fl-ewwel lok, skond ix-xhud Christopher Schembri, l-konvenut kien infurmah illi l-berth tieghu ma kellhiex fond bizzejjed u ma kenitx adegwata ghalih f'Lulju tas-sena 2004 permezz ta' ittra mibghuta minghand l-avukat tieghu. Ix-xhud spjega illi l-Awtorita' mill-ewwel irrispondiet ghal din l-ittra permezz ta' ittra mibghuta mill-konsulent legali taghha fl-14 ta' Lulju 2004. F'din l-ittra jidher car illi l-Awtorita' kienet qed toffri '*berth*' alternattiva lill-konvenut, basta li huwa kien lest li jhallas il-kontijiet pendenti tal-konsum tad-dawl u ilma li kienu jammontaw ghal Lm53.88, u ghall-*berthing fees* bejn Lulju tas-sena 2004 sa Dicembru 2004, liema *berthing fees* kellhom jithallsu bilfors kull sitt xhur bil-quddiem.

Jidher ghalhekk illi l-Awtorita' fl-ebda mument ma injorat l-ilmenti tal-konvenut, izda mill-ewwel ipproponiet soluzzjoni ghall-problema, alavolja deherilha li kellha timponi xi kundizzjonijiet li kienu ragjonevoli, u cioe, l-hlas tal-kontijiet pendenti. Ix-xhud ikkonferma illi ma kien hemm l-ebda rejazzjoni jew risposta ghall-ittra tal-Awtorita' da parti tal-konvenut. Skond l-istess xhud xi sena wara saret laqgha bejn l-Awtorita' u t-tifel tal-konvenut u l-avukat tieghu, u l-istess proposta regghet giet imressqa, bil-kundizzjoni li l-ewwel isiru l-hlasijiet dovuti. Huwa spjega illi l-'*berthing place'* li giet offruta kienet ferm izjed 'l barra mill-moll fejn ma kienx hemm problema ta' materjal li jinzel fil-bahar wara x-xita. Din il-*alternative berth* kienet anki thalliet vojta ghall-konvenut. In oltre, x-xhud ezebixxa rcevuta datata 4 ta' Marzu 2005, ghal xoghol ta' '*dredging of silt'* (u cioe thammil) li

kien sar fl-area tal-*berth* tal-konvenut, liema xoghol kien gie ordnat u mhallas mill-Awtorita' attrici.

Minn-naha tieghu, l-konvenut xehed illi qabel ma nqalat il-problema in ezami, huwa kien dejjem hallas il-*berthing fees* li kienu jithallsu sitt xhur bil-quddiem. Il-problema tal-*berth* tieghu kienet tikkonsisti fil-fatt li malli taghmel ix-xita, jinzel hafna materjal u gebel mit-triq ghal gol-bahar u l-livell tal-bahar jitbaxxa, biex b'hekk id-dghajsa tieghu tibda tahbat mal-qiegh. Huwa xehed illi hemm kawza pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fir-rigward tad-danni kkagunati fid-dghajsa tieghu minhabba l-*berth*. Di piu, skond hu qatt ma saret proposta mill-Awtorita' sabiex din is-sitwazzjoni tigi rizolta.

Illi pero, meta xehed in kontro ezami Christopher Schembri, huwa qal illi l-kawza li hemm pendenti quddiem il il-Prim' Awla tal-Qorti Civili ma kenitx tirrigwarda l-fond tal-*'berthing space'* izda xi problemi ohra li kien qieghed jallega li kellu l-konvenut. Skond hu l-*berthing fees* waqfu milli jithallsu biss meta nqalghat il-problema tal-fond tal-*berthing space'.*

Il-konvenut esebixxa wkoll sensiela ta' dokumenti in sostenn tad-difiza tieghu. Wara li ha konjizzjoni taghhom pero, t-Tribunal jidhirlu li hafna minn dawn id-dokumenti m'ghandhom l-ebda relevanza ghall-kaz odjern. Per ezempju, hemm ittri esebiti rigward xi problemi li kellu l-konvenut dwar dawl u ilma, izda dawn jirreferu ghas-sena 1996, u ghalhekk m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-kaz in ezami. Mbaghad hemm ittra datata 21 ta' Marzu 2000 miktuba mill-konvenut lill-Awtorita' dwar problema simili ta' akkumulu ta' hmieg f'qiegh il-bahar. Din l-ittra pero, ma jidhirx li giet segwita minn korrispondenza ohra, la da parti tal-konvenut u lanqas tal-Aworita' attrici, u ghalhekk wiehed jista' jassumi biss illi l-kwistjoni waqfet hemm.

Wara din l-ittra tal-2000 mbaghad, tidher mill-ewwel l-ittra tas-6 ta' Lulju 2004 miktuba mill-konsulent legali tal-konvenut rigward il-problema tal-*berthing space*, liema ittra diga' saret referenza ghaliha. Ghal xi raguni stramba pero, ma hemm l-ebda referenza ghar-risposta tal-Awtorita' Marittima bil-proposta taghhom. Minn hemm tkompli sensiela ta' korrispondenza bejn iz-zewg partijiet dwar il-kwistjoni in ezami.

Illi huwa minnu li l-insurance tal-konvenut kienu qedin joggezzjonaw ghall-*berth* li kellu l-konvenut, stante li dan seta' jkun ta' periklu ghad-dghajsa tieghu, u li tawh parir sabiex ibiddel il-*berth*, jew inkella jghollu l-premium tieghu. Meta x-xhud in rapprezentanza tal-Atlas Insurance gie mistoqsi kienx jaf jekk l-Awtorita' kenitx offriet *berth* alternattiva, huwa ma kienx f'pozizzjoni li jirrispondi, u lanqas seta' jikkonferma jekk l-Awtorita' kenitx ghamlet xi xoghol ta' thammil fil-post in kwistjoni.

Mbaghad, ix-xhud Alfred Micallef tal-Manoel Island Yacht Yard ikkonferma illi d-dghajsa tal-konvenut ilha fuq l-art minn Mejju tal-2005. Ma kienx car jekk qabel din is-sena d-dghajsa tal-konvenut kienet titla' fuq l-art biss ghar-*repairs and maintenance* jew inkella kienitx dejjem fuq l-art, izda l-indikazzjoni mill-invoice esebit huwa, illi d-dghajsa telghet fuq l-art f'Mejju 2005.

Illi dan kollu jwassal ghas-segwenti konkluzzjonijiet, u cioe:- illi l-problema tal-*berth* essenzjalment bdiet fis-sena 2004. Dan johrog car mill-korrispondenza ta' bejn il-partijiet. Qabel il-2004, kien hemm biss ittra wahda fuq dan il-punt, mibghuta mill-konvenut liema ittra ma gietx segwita b'xi korrispondenza ohra, u ghalhekk ma jidhirx illi l-problema baqghet tippersisti. Di piu, il-konvenut stess xehed illi huwa waqaf ihallas il-*berthing fees* meta bdiet il-problema, u jirrizulta illi

dawn il-*berthing fees* ma baqghux jithallsu mill-konvenut mis-sena 2004 il-quddiem. Qabel din is-sena ma hemm l-ebda kont pendenti ghall-‘*berthing fees*.’

Illi alavolja fis-sena 2000, il-konvenut kien ilmenta dwar il-fond tal-berth, ma jidhirx illi dan l-ilment kien gie segwit b’xi mod, u ghalhekk dan it-Tribunal irid bilfors jikkonkludi illi din kienet okkazzjoni ta’ darba. Illi ghal xi raguni stramba, ma gewx esebiti l-atti tal-kawza pendenti quddiem il-Prim’ Awla, li saret referenza ghalija diversi drabi. Peress illi l-konvenut fl-eccezzjonijiet tieghu jikkontendi li hemm gja kawza pendenti quddiem il-Prim’Awla dwar danni kkagunati fid-dghajsa tieghu minhabba xi nuqqasijiet tal-Awtorita’ attrici, kien jinkombi fuqu li jipproduci tali prova, izda naqas ghal kollox milli jaghmel dan, u ghalhekk it-Tribunal ma jistax hlief jiskarta ghal kollox din l-allegazzjoni.

Illi meta l-konvenut beda jilmenta ma l-Awtorita’ dwar il-problema li kellu, huwa ma giex injorat, izda mill-ewwel inghata proposta ghal soluzzjoni da parti tal-Awtorita’. Ghal xi raguni pero’ din il-proposta qatt ma giet segwita jew accettata mill-konvenut, li minnflok, baqa jilmenta u jirrifjuta li jhallas il-kontijiet pendenti. Sar ukoll xoghol ta’ *dredging* da parti tal-Awtorita’ xi ftit xhur wara, sabiex il-problema tal-qiegh tal-bahar tigi rrangata.

In oltre, alavolja baqa jippersisti bl-ilmenti tieghu, l-konvenut qatt ma avza l-Awtorita’ attrici b’mod formali, illi ma kienx bi hsiebu jkompli juza s-servizzi taghha, fis-sens illi ma kienx ser ikompli jaghmel uzu mill-*berth* tieghu, u dan alavolja kien tella d-dghajsa tieghu fuq l-art. Ghalhekk l-Awtorita’ kienet gustifikata meta harget il-kontijiet taghha ghall-perjodu Lulju tas-sena 2004, sa Dicembru tas-sena 2005, u l-ammont mitlub huwa dovut mill-konvenut.

> Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa t-talba attrici u jikkundanna l-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elfejn, tlett mija u tmienja u sebghin Ewro u ghoxrin centezmu (€2378.20), ekwivalenti ghal Lm1020.96, bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.**"**

Bl-appell tieghu minn din is-sentenza l-konvenut jiddenunzja l-ezistenza ta' vizzju fl-apprezzament valutattiv tat-Tribunal tar-rizultanzi istruttorji. Ukoll f'dan l-istadju hu jkompli jinsisti illi ma kienx tenut ihallas *berthing fees* ghaliex il-post ghall-irmiggjar tal-*boat* tieghu ma kienx adegwat u ma setax jintuza minnu ghax ma kienx hemm fond bizzejjed. Huwa jikkontendi, inoltre, illi l-fatt li l-Awtorita` attrici tatu l-opportunita` ta' ormegg band'ohra ma kienx ghaldaqshekk jillegittima t-talba taghha ghall-hlas ta' dawk il-*berthing fees*.

Huwa forsi oppportun illi qabel stharrig ta' l-aggravju sottomess il-Qorti taghmel din l-introduzzjoni qasira. Jappartjenu lid-demanju pubbliku marittimu l-portijiet, mollijiet, il-bahar territorjali u x-xtut tieghu. Dan il-principju, rikonoxxut mil-ligijiet Rumani, jidher li hu sew konsakrat mil-legislazzjonijiet moderni, id-dottrina legali u, sahansitra, il-gurisprudenza. A propozitu, is-sentenza fl-ismijiet "**Gustav Lapira -vs- Canonico Capitolare Monsignor Giuseppe Caruana Dingli et**", Prim' Awla, Qorti Civili, 30 ta' Gunju, 1917, konfermata fil-mertu in sede Appell fl-10 ta' Ottubru, 1923. Linejarment ma' dan il-hsieb issokta jigi ritenut illi "marbat jew ormegg li jigi prattikat fil-blat f'xatt il-bahar ma jistax jigi akkwistat mic-cittadin privat bhala proprjeta ghax il-blat fejn isiru l-hofor jew it-toqob li maghhom is-sajjieda jorbtu l-opri taghhom tal-bahar huwa demanjali" ("**Giuseppe Cutajar *et* -vs- Giuseppe Cutajar *et***", Prim' Awla Qorti Civili, 27 ta' Frar, 1960). Jinzel minn dan, b'konsegwenza, illi la huma proprjeta` demanjali l-kontroll taghhom hu f'idejn l-Istat li

jmexxi l-gestjoni taghhom permezz ta' korpi pubblici. Fost ohrajn, l-Awtorita` Marittima mwaqqfa bl-Att XVII ta' l-1991 (Kapitolu 352) li lilha l-legislatur affida l-funzjonijiet u s-setghat elenkati fl-Artikoli 6 u 7 ta' l-istess Att. Senjatament, li tiddetermina lil min tohrog permessi ghall-irmiggi, kompriz li "tipprovdi u tizgura l-provediment ta' servizz ta' irmigg lill-bastimenti, u s-setgha li tordna fejn xi bastiment ghandu jirmiggja". ("**Joseph Bellizzi *et* -vs- Joseph Grioli *et nomine et***", Appell, 5 ta' Gunju, 2001.) Fil-kaz partikolari *de quo*, l-irmiggi tal-*yachts*, kif regolat mill-Yachting Centres Regulations (Avviz Legali 71/1992, kif ulterjorment emendat). Anke hawn ir-Regolamenti jipprevedu illi "*yachts shall berth or moor or shift berth at a yachting centre as, where and when directed by the Executive Director*" [Reg. 6 (1)];

Maghmula l-premessa introduzzjoni, jokkorri li issa jigu premessi wkoll certi fatti li fil-fehma tal-Qorti ghandhom l-aktar rilevanza ghad-decizjoni tal-vertenza:-

(1) It-talba ta' l-Awtorita` attrici hi wahda diretta ghall-hlas ta' *berthing fees* u ta' kontijiet tad-dawl u ta' l-ilma relattivi ghall-uzu tal-*yacht* tal-konvenut. Din id-domanda tkopri l-perijodu mill-4 ta' Ottubru, 2000 sas-27 ta' Dicembru, 2005 u hi relatata ma' *berthing* Numru 49 f'Manoel Island;

(2) Fis-6 ta' Lulju, 2004, tramite il-konsulent legali tieghu, il-konvenut kiteb lill-Awtorita` biex jilmenta mill-fatt illi "*the seabed in the stated location is filled with rubbish and stones and has become shallow and is a danger to my client's yacht*" (Ara kopja ta' l-ittrra a fol. 41). Ghal din l-ittra nghatat twegiba fl-14 ta' Lulju, 2004 mill-Avukat ta' l-Awtorita` (ara kopja a fol. 16) fejn, oltre li ddeklinat kull responsabilita` ghad-danni allegati, gharrfet lill-konvenut biex jikkomunika mad-Direttorat "*to have a new berth allocated*";

(3) Jirrizulta bhala fatt illi l-Awtorita` ezegwit xoghol ta' thammil fis-sit fejn kien ormeggjat il-*yacht* tal-konvenut. Ara l-Invoice relattiv datat 4 ta' Marzu, 2005

(fol. 17) u li sena fuq il-precitata korrispondenza regghet giet riproposta lill-istess konvenut l-offerta ta' *berthing* alternattiv. Dan skond ma jinghad mix-xhud Christopher Schembri, Berthing Master tal-Yacht Marinas, a fol. 18;

(4) Il-konvenut jinnega li gie offert dan l-ormegg alternattiv (ara deposizzjoni tieghu in kontro-ezami a fol. 31). Kemm fix-xhieda principali tieghu (fol. 24) kif ukoll minn korrispondenza ohra tieghu, senjatament l-ittra tieghu tat-3 ta' Settembru, 2004 (fol. 42), huwa jinsisti illi jekk ma jitnehhiex l-ostakolu kostitwit mill-waqa' ta' l-isktar, "*I shall refrain from paying for the said berth*";

It-Tribunal ezamina bir-reqqa dawn il-fatti u fil-gudizzju diskrezzjonali tieghu ddetermina illi l-appena surreferita insistenza tal-konvenut, fid-dawl tac-cirkustanzi kollha maghrufa, ma kienetx gustifikata. Huwa rraguna illi l-Awtorita` attrici agixxiet prontament biex toffri lill-konvenut sistemazzjoni alternattiv ghall-*yacht* tieghu, oltre li hadet il-passi biex taghmel id-*dredging* tas-sit fejn kien ormeggjat. L-istess Tribunal issokta jimmotiva l-akkoljiment tat-talba attrici bir-ragonament illi l-konvenut qatt ma avza lill-Awtorita` li ma riedx jaghmel aktar uzu mis-servizzi taghha in konnessjoni ma' l-ormegg tal-*yacht* tieghu;

Din il-Qorti tikkondividi pjenament dan ir-ragonament tat-Tribunbal u ssib li, fil-kumpless, is-sentenza appellata tinkwadra sew dawk l-elementi probatorji li fuqhom it-Tribunal ibbaza l-konvinciment tieghu u l-perkors segwit minnu fil-valutazzjoni tal-fatti u tal-provi biex wasal ghal konkluzjoni proprja. Konkluzjoni din, li fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti hi wahda ghal kollox logika u koerenti ma' l-elementi tal-provi utilizzati. Mhux il-kaz allura illi, kif mitlub, din il-Qorti tissindika l-apprezzament tat-Tribunal jew li titbieghed mir-*ratio decidendi* tieghu;

Ikollu jinghad, imbaghad, illi l-analogija li l-konvenut appellanti jipprospetta mal-kirja ta' appartament ma jiggjovahx. Veru li meta tavvera ruhha sitwazzjoni ta'

deterjorment f’xi ambjenti fil-fond mikri, il-lokatur hu fl-obbligu li jirripara biex l-affittwarju jissokta jkollu l-godiment tal-fond. Daqstant iehor ukoll huwa veru, illi ad eccezzjoni tal-qaghdiet prevvisti mill-Artikoli 1541 (2), 1543 u, f’certu sens, l-Artikolu 1548 tal-Kodici Civili, il-kerrej ma jistax, anke ghal dik ir-raguni ezemplifikata mill-appellanti, izomm lura l-hlas tal-kera, hekk mill-istess istitut tal-kera taht il-Kodici determinat bhala wiehed mill-obbligi primarji tieghu [Artikolu 1554 (b)]. Jekk jaghmel dan jitqies inadempjenti u jinkorri wkoll ir-riskju li jsib ruhu sfrattat minhabba l-morozita`. Ara, b’illustrazzjoni, is-sentenzi fl-ismijiet “**Carmel Bellia *et* -vs- Joseph Frendo**”, Appell, 14 ta’ Dicembru, 2001 u “**Margerita Refalo -vs- JB Holdings Ltd**”, Appell, 12 ta’ Jannar, 2005;

Agguntivament ma’ din ir-riflessjoni, lanqas, imbaghad, ma jista’ jisfuggi mill-ottika ta’ l-argoment *in subjecta materia*, il-konsiderazzjoni illi, kif gja espost fl-introduzzjoni ta’ din is-sentenza, id-diskrezzjoni ta’ fejn wiehed ghandu jormeggja hu rizervat, *di diritto*, fil-poter ta’ l-Awtorita` Marittima jew, fil-kaz in ispecje, fil-kontroll ta’ l-Executive Director responsabbli mill-Yachting Centres.

Ghall-motivi kollha su-indikati din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ukoll ta’ din l-istanza jibqghu sopportabbli mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------